# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn**
**Wiehed u Tletin (31) ta' Ottubru 2022**

**Rikors Numru 589/2018 FDP**

Fl-ismijiet

**Maleth Aero AOC Limited (C-54721)**

**Vs**

**Ir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali**

**Sea Air D.o.o. soċjeta' irreġistrata ġewwa r-Repubblika tal-Kroazja bin-numru MBS 030153497 ta' 67 Vukovarska Street 31207 Klisa/Osijek il-Kroazja u, permezz ta' digriet tas-17 ta' Frar 2021, ġew nominati Dr. Graziella Tanti u l-P.L. Hilda Ellul Mercer bħala Kuraturi Deputati għas-soċjeta' Sea Air D.o.o.**

**L-Avukat Dr. Antoine Cremona (KI 11980 G) f'ismu proprju u f'isem id-ditta tal-Avukati Ganado Advocates u l-P.L. Madelaine Firman.**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 6 ta' Ġunju 2018, li permezz tiegħu is-soċjeta' rikorrenti talbet is-segwenti:

1. *Illi dan huwa rikors ta' ritassa li qed jiġi mressaq ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u dan sabiex tiġi attakkata taxxa maħruġa wara l-kawża Nru 652/16 LM (it-taxxa attakkata qed tiġi annessa bħala Dok MA1);*

*SFOND FATTWALI*

2. *Illi permezz ta' rikors maħluf tal-4 t'Awwissu, 2016, Sea Air d.o.o. (minn issa 'l quddiem «Sea Air») kumpanija estera kif lokalment rappreżentata mill-mandatarju speċjali tagħha l-Avukat Dottor Antoine Cremona, ntavolat proċeduri ġudizzjarji fl-ismijiet Sea Air d.o.o. soċjeta' reġistrata ġewwa r-Repubblika tal-Kroazja bin-numru MBS: 030153497 ta' 67, Vukovarska Street 31207 Klisa/Osijek il-Kroazja kif lokalment rappreżentata mill-mandatarju speċjali tagħha l-Avukat Dottor Antoine Cremona (KI11980 G) vs Maleth Aero AOC Limited (Rikors Ġuramentat Nru. 652/16 LM). F'dawn il-proċeduri, Sea Air kienet patroċinata mill-istess Avukat Cremona u minn avukati oħra fi ħdan id-ditta Ganado Advocates liema ditta wkoll għalhekk qed tiġi ċċitata f'dawn il-proċeduri ta' ritassa;*

3. *Illi l-imsemmija kawża ġiet eventwalment kanċellata mill-Qorti fis-6 ta' Marzu, 2017.*

4. *Illi in suċċint, tant biex jingħata sfond tal-fatti li taw lok għall-kawża, Sea Air kienet qed tallega illi Maleth Aero AOC Limited («Maleth»), bħala operatriċi ta' inġenju tal-ajru tat-tip Boeing 737-300 li tiegħu Sea Air kienet charterer, kisret Aircraft Charter Agreement tat-30 ta' Ġunju, 2015. B'mod partikolari, fil-premessi tagħha, Sea Air irreferiet għal episodju fejn, allegatament, 'il fuq minn elf (1000) passiġġier tħallew l-art ġewwa l-Ġermanja u ġewwa l-Kosovo.*

5. *Sea Air ippretendiet kumpens għal danni hekk sofferti minnha, fosthom kumpens illi allegatament kellu jingħata lill-passiġġieri li t-titjiriet tagħhom kellha titħassar. Fid-dawl ta' dawn il-premessi, Sea Air talbet lill-Qorti:*

    i. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' konvenuta Maleth kisret l-obbligi kuntrattwalment pattwiti bejn il-partijiet;*
    ii. *Tiddikjara lis-soċjeta' konvenuta Maleth responsabbli għad-danni kaġunati lis-soċjeta' Sea Air;*
    iii. *Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjeta' attriċi Sea Air konsistenti fi spejjeż reali u telf ta' negozju, okkorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi;*

iv. *Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu l-ammont hekk likwidat lill-atturi bl-imgħaxijiet dovuti skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta Maleth illi minn issa qed tiġi nġunta għas-subizzjoni;*

6. *Minn naħa tagħha Maleth, minbarra li laqgħet għal dawn it-talbiet b'numru ta' eċċezzjonijiet proċedurali u fil-mertu, ressqet ukoll kontrotalba illi fiha sostniet illi kienet Sea Air illi kisret obbligi kuntrattwali assunti minnha fl-Aircraft Charter Agreement fuq riferit, kif ukoll f'agreements oħra anċillari u li dan wassal għal danni u spejjeż;*

7. *Illi fid-dawl ta' dan, Maleth talbet lill-Qorti:*

i. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' Sea Air d.o.o obbligat ruħha kuntrattwalment illi tutilzza n-numru ta' block hours minimi li l-istess Sea Air d.o.o ai termini tal-Aircraft Charter Agreement u tħallas lis-soċjeta' Maleth Aero AOC Limited il-Base Rental għan-numru ta' sigħat u bir-rata miftiehma fl-istess Aircraft Charter Agreement tat-30 ta' Ġunju, 2015;*

ii. *Tiddikjara u tiddeċiedi sussegwentement illi s-soċjeta' Sea Air d.o.o. hija debitriċi tas-soċjeta' Maleth Aero AOC Limited;*

iii. *Tillikwida dik is-somma dovuta mis-soċjeta' Sea Air d.o.o. lis-soċjeta' Maleth Aero AOC Limited u rappreżentanti l-Base Rental fir-rigward ta' dak in-numru ta' block hours li s-soċjeta' Sea Air d.o.o. naqset li tutiliżża bi ksur tal-obbligi minnha assunti u kalkolata bir-rata pattwita bejn il-partijiet;*

iv. *Tikkundanna lis-soċjeta' Sea Air d.o.o. tħallas is-somma rappreżentanti Base Rental hekk likwidata;*

v. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' Sea Air d.o.o. hija debitriċi tas-soċjeta' Maleth Aero AOC Limited ai termini tal-1 ta' Marzu, 2016 f'dik is-somma rappreżentanti operating fee li s-soċjeta' Sa Air d.o.o. naqset milli tħallas lis-soċjeta' Maleth Aero AOC Limited;*

vi. *Tillikwida dik is-somma rappreżentanti Operating Fees dovuti mis-soċjeta' Sea Air d.o.o. lis-soċjeta' Maleth Aero AOC Limited;*

vii. *Tikkundanna lis-soċjeta' Sea Air d.o.o. tħallas is-somma rappreżentanti Operating Fees hekk likwidata;*

viii. *Tiddikjara u tiddeċiedi illi s-soċjeta' Maleth Aero AOC Limited inkorriet spejjeż u danni b'riżultat ta' inadempjenza u ksur tal-obbligi kuntrattwalment pattwiti bejn il-partijiet;*

ix. *Tiddikjara lis-soċjeta' Sea Air d.o.o. responsabbli għall-ispejjeż inkorsi u għad-danni kkaġunati lis-soċjeta' Maleth Aero AOC Limited;*

x. *Tillikwida l-ispejjeż nkorsi u d-danni sofferti mis-soċjeta' Maleth Aero AOC Limited, okkorrendi bil-ħatra ta' periti nominandi;*

xi. *Tikkundanna lis-soċjeta' Sea Air d.o.o. sabiex tħallas dik is-somma hekk Iikwidata lis-soċjeta' Maleth Aero AOC Limited*

8. *Għal kull buon fini, ir-rikorrenti qiegħda teżebixxi kopja tar-rikors maħluf ta' Sea Air (Dok MA 2) kif ukoll tar-risposta u kontrotalba ta' Maleth (Dok MA 3) filwaqt illi tirriserva illi 'l quddiem titlob l-allegazzjoni tal-atti;*

9. *Kif ġia ntqal, il-kawża fuq imsemmija ġiet kanċellata fis-6 ta' Marzu, 2017. F'dak l-istadju kienu għadhom qed jiġu trattati eċċezzjonijiet preliminari ta' natura prettament proċedurali (inkluż jekk Sea Air kellhiex il-personalita' ġuridika u/jew locus standi illi tipproċedi). Ma kienu tressqu ebda provi, dokumentarji jew permezz ta' xhieda, dwar il-mertu tal-każ;*

10. *Illi jirriżulta illi fit-22 ta' Frar, 2018, ir-Reġistratur ħadem it-taxxa tal-ispejjeż annessa bħala Dok MA 1. Nhar it-8 ta' Mejju, 2018 Maleth ġiet notifikata b'ittra uffiċjali li biha qed tintalab tħallas lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma eżorbitanti ta' sebgħa u erbgħin elf u mija u tlieta u sittin Euro u għoxrin ċenteżmu (€ 47,163.20) allegatament dovuta bħala drittijiet tar-Reġistratur in konnessjoni mal-kawża. Maleth qiegħda għalhekk tqis din id-data tan-notifika bħala d-data meta jiskatta t-terminu ta' xahar previst fl- Artiklu 64 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*

11. *Illi huwa ċar illi kemm fil-kawża mressqa minn Sea Air kif ukoll fil- kontrotalba ta' Maleth, qed jintalbu danni li għadhom mhux likwidati. Issa lil Maleth u lill-avukati li jippatroċinawha ma jirriżultalhomx illi l-partijiet f'din il-kawża jew l-avukati*

*tagħhom qatt intalbu jippreżentaw nota konġunta li permezz tagħha jaqblu fuq il-valur tat-talbiet rispettivi;*

12. *Illi jidher fil-fatt illi kien ir-Reġistratur intimat illi, unilateralment, wasal għall-konklużjonijiet tiegħu dwar il-valur tal-kawża. Minn dokumenti ottjenuti mill-proċess tal-kawża 652/16 (Dok MA 4), fil-fatt, jirriżulta illi s-somma li Maleth intalbet tħallas mir-Reġistratur tirreferi għall-kontrotalba mressqa minn Maleth, u jidher illi nħademet fuq valur ta' EUR 5,145,281.89 li wasal għalih ir-Reġistratur minn jeddu. Dan il-valur jidher illi nħadem hekk:*

    - *Talba għal danni msejsa fuq in-nuqqas ta' Sea Air li tuża n-numru minimu ta' block hours: ir-Reġistratur naqqas il-block hours utilizzati (130.25), naqqashom mit-total miftiehem ta' 2,190 block hour imsemmi fil-kontrotalba, u mmultiplika b'rata ta' USD 3,000 biex wasal għal somma ta' USD 6,179,250;*

    - *Talba għal ħlas ta' operating fees: ir-Reġistratur ikkalkula illi l-Operating Fees li kellhom jitħallsu lil Maleth kienu ta' USD 15,000 fix-xahar għal tnax-il xahar b'dan li wasal għal somma ta' USD 180,000*

13. *Abbażi tal-valur totali, mbagħad, ir-Reġistratur għadda biex ikkalkula l-ispejjeż tal-kawża, b'dan illi wasal għas-somma konsiderevoli mitluba;*

14. *Għandu jingħad illi ai termini tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, senjatament Skeda A, Tariffa A;*

    *4 (1) Meta l-valur tat-talba ma jkunx ċert jew likwidu, u ma jistgħux jiġu intaxxati d-drittijiet skont il-paragrafu 3 (ċioe d-dritt tar-reġistru ma jkunx jkun jista' jiġi ntaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista'jiġi stabbilit skont il-liġi jew mill-att innifsu), il-valur tat-talba jiġi intaxxat skont ir-regoli li ġejjin:*

    *(f) F'kawżi fejn it-talba tkun biex il-Qorti tiddikjara li l-attur ikollu xi dritt kontra xi persuna oħra, liema dritt wieħed għandu raġonevolment jassumi li jiġi segwit minn likwidazzjoni tal-ammont dovut, ukoll jekk dik il-likwidazzjoni ma tkunx ġiet mitluba fit-talba, l-attur għandu, flimkien mat-talba tiegħu, jissottometti dikjarazzjoni maħlufa li turi l-ammont bejn wieħed u ieħor li jaħseb li jkun jista' jitlob jekk jiġi stabbilit id-dritt tiegħu u l-valur li għandu jiġi ntaxxat ikun il-valur dikjarat mill-attur.*

15. *Fejn jidħlu mbagħad it-tariffi dovuti lill-Avukat li jippatroċina l-parti, jingħad taħt it-tariffa E, Ardklu 14 illi:*

    *4. Meta dikjarazzjoni li jkun fiha deċiżjoni ta' xi punt ta' liġi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess, id-dritt relattivament għal dik id-deċiżjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit.*

16. *Illi dan jimplika illi huwa l-attur illi jeħtieġ jiddikjara l-valur tat-talba tiegħu, sakemm ma jkunx ġie determinat mill-Qorti u mhux ir-Reġistratur illi sua sponte jagħmel il-kalkoli ta' dak li jidhirlu illi huma d-danni pretiżi. Tant hu hekk, illi hija l-prassi illi f'każ fejn jintalbu danni da liquidarsi u l-Qorti tibqa' ma tillikwidax tali danni, ir-Reġistratur jitlob lill-partijiet jippreżentaw nota konġunta fejn jaqblu fuq il-valur tal-kawża u fin-nuqqas tiġi ntaxxata fuq il- minimu;*

17. *Illi in vista tas-suespost, u għar-raġunijiet li ser jiġu spjegati f'iżjed dettall aktar 'l isfel, Maleth tikkontendi li t-taxxa tad-drittijiet u spejjeż emessa mir-Reġistratur tal-Qorti nħadmet u nħarġet b'mod skorrett kemm għaliex ma ġietx segwita l-proċedura stabbilita fil-liġi u kkonfermata fil-prassi solita tar-Reġistratur, kif ukoll għaliex il-kalkolu huwa, fi kwalunkwe' każ, żbaljat;*

18. *Illi għalhekk l-esponenti tixtieq jattakkaw din it-taxxa bħala waħda irregolari;*

*RAĠUNIJIET GĦAT-TALBA*

19. *Illi l-gravami ta' Maleth f'din il-proċedura ta' ritassa huma essenzjalment tlieta:*

    i. *Fl-assenza ta' sentenza tal-Qorti li tillikwida d-danni jew nota li biha Maleth u Sea Air jaqblu fuq il-valur tal-pretensjonijiet reċiproċi tagħhom, ir-Reġistratur ma kellux jgħaddi biex unilateralment jikkalkula l-valur tad-danni da liquidarsi. Dan, multo magis meta l-valur mhuwiex faċilment determinabbli mill-proċess;*

    ii. *Il-kalkolu huwa, fi kwalunkwe' każ, żbaljat u eżaġerat;*

    iii. *Ma tqiesx il-fatt illi l-kawża ġiet kanċellata;*

*Gravam 1: proċedura għall-kalkolu tal-valur*

20. *Kif ġia aċċennat, skont* it-Tariffa A tal-iSkeda A *ir-Reġistratur tal-Qorti jista' jgħaddi biex jikkalkula t-taxxa abbażi ta' valur meta dan huwa espressament dikjarat, jew huwa determinabbli skont il-liġi jew «mill-*att innifsu*».*

21. *Diċitura simili tintuża fil-*kuntest *tat-Tariffa E (taxxa dovuta lill-avukat u p.l.), fejn jissemma' valur «determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess»;*

22. *Kemm hu hekk, huwa fatt magħruf illi meta kawża hija għal ammont da liquidarsi u, għal xi raġuni, il-*Qorti ma tillikwidax *l-istess danni, ir-Reġistratur fl-istramaġġoranza tal-każijiet javża lill-*avukati *tal-partijiet sabiex jippreżentaw nota konġunta illi biha jaqblu fuq il-*valur *tal-kawża;*

23. *Għal xi raġuni misterjuża, f'dan il-każ ma ġarax hekk, iżda r-Reġistratur ħa l-briga illi, f'kawża għal danni da liquidarsi u fl-assenza ta' sentenza tal-Qorti, jagħmel kalkolu hu ta' x'*dehrlu *li huwa l-valur tat-talba;*

24. *Kemm dan huwa każ anomalu jkomplu jidher mill-*fatt *illi hawn si trattava minn kawża li kienet ġiet kanċellata qabel* ma *bdew jinstemgħu provi dwar il-mertu. Għalhekk ma tgħidx illi l-proċess kien fih, ngħidu aħna, xi affidavit bi prospett ta' danni;*

25. *Illi biex jingħata l-benefiċċju tad-*dubju, *forsi r-Reġistratur ġenwinement ħaseb illi d-*danni *li kienu qed jintalbu kienu faċilment determinabbli, iżda dan ċertament mhux il-każ. Hekk, ngħidu aħna, huwa minnu illi Maleth kienet qed titlob ħlas ta' danni sofferti f'nuqqas ta' tħaddim ta' block hours u nuqqas ta' ħlas ta' operation fees. Madanakollu, fil-*kalkolu *ta'* danni *dovuti f'kuntest bħal dan, wieħed ma jistax sempliċiment jagħmel kalkolu ta' multiplikazzjoni. Dan għaliex, biex wieħed jasal għal danni realment sofferti fin-*nuqqas ta' adempiment *ta' kuntratt, iridu jitqiesu diversi fatturi, fosthom spejjeż illi* Maleth *kienet tinkorri li kieku tkompla l-*kuntratt, *u li kienu jnaqqsu mill-profitti tagħha; Bħala eżempju li niltaqgħu miegħu aktar regolari fil-*Qorti *- f każ ta' kuntrattur illi jfittex għal danni għal terminazzjoni bikrija ta' appalt, wieħed m'għandux* iqis *il-*prezz *tal-kuntratt iżda pjuttost il-*profitt *li tali kuntrattur kien sejjer realistikament jirċievi, liema profitt ġeneralment ikun konsiderevolment anqas mill-prezz;*

26. *M'hemmx għalfejn jingħad illi ladarba f'dan il-każ il-*Qorti *ma kinitx għadha semgħet provi fil-mertu, huwa inkoċepibbli li jingħad illi l-valur tal-pretensjonijiet ta' Maleth kienu*

*«faċilment determinabbli mill-proċess». Għall- kuntrarju, kien biss li kieku nstemgħet il-kawża fil-mertu illi l-Qorti kienet tisma' x-xhieda u sottomissjonijiet dwar il-quantum tad-danni pretiżi;*

27. *Fid-dawl ta' dan, il-proċedura adoperata mir-Reġistratur, u n-nuqqas tiegħu illi almenu javviċina lill-partijiet u jitlobhom nota konġunta kif ġeneralment iseħħ, hija ferm irregolari u ta' preġudizzju għall-partijiet. Anke biss għal din ir-raġuni, it-taxxa jistħoqqilha li tiġi mħassra;*

*Gravam 2: Kalkolu żbaljat fil-mertu*

28. *Illi fis-sottomissjonijiet dwar l-ewwel gravam, ġa sar aċċenn għall-fatt illi l-kalkolu tad-danni li għamel ir-Reġistratur huwa wieħed simplistiku għall- aħħar illi jonqos illi jqis numru ta' fatturi li għandhom impatt dirett fuq il- quantum tad-danni pretiżi. Ir-Reġistratur ma setax sempliċiment jaqbad calculator u jagħmel multiplikazzjoni;*

29. *Diġa' ġie sottomess illi, għal din ir-raġuni, ir-Reġistratur kien proċeduralment żbaljat għaliex kellu qabel xejn jistieden lill-partijiet biex jagħmlu dikjarazzjoni konġunta;*

30. *F' kull każ, pero, anke li kieku kellu jitqies illi huwa fid-diskrezzjoni tar-Reġistratur illi jipprova jasal għall-valur tal-kawża huwa stess, jibqa' l-fatt illi l-kalkolu sar b'mod żbaljat u wassal għal valur illi huwa eżaġerat;*

*Gravam 3: It-taxxa għandha f'kull każ titnaqqas stante illi l-kawża ġiet kanċellata*

31. *Illi mill-kalkolu li ottjeniet Maleth, ma jidhirx illi r-Reġistratur naqqas id-drittijiet dovuti sabiex jirrifletti l-fatt illi l-kawża ma ġietx deċiża iżda kanċellata fi stadju bikri;*

32. *Illi kemm it-Tariffa A u kemm it-Tariffa E, jikkomtemplaw riduzzjoni fid-drittijiet f'każ ta' tranżazzjoni jew ċessjoni;*

33. *It-tariffa E, tistabilixxi wkoll tnaqqas fid-dritt dovut lill-avukati rispettivi tal-partijiet «meta kawża ma titkompliex quddiem Qorti tal-Ewwel Grad jew tal-Appell» (ara artiklu 28).*

34. *Huwa minnu illi t-Tariffi msemmija ma jirreferux għal «kanċellament» per se. Madanakollu, huwa tax illi l-intenzjoni tal-leġislatur kienet illi jekk Qorti ma tagħtix sentenza, id-*

*drittijiet kemm tar-Reġistru kif ukoll tal-avukati għandhom jitnaqqsu b'terz jew bin-nofs skont il-każ.*

35. *Del resto, ikun inkonsistenti u nġust illi l-partijiet jeħlu l-ispejjeż sħaħ ta' kawża meta l-kawża ntemmet fi stadju bikri mingħajr sentenza tal-Qorti; Huwa utli li jingħad illi l-Qrati nostrani irrikonoxxew illi anke f'kuntest ta' ntaxxar ta' kawżi, l-liġijiet u r-regolamenti għandhom jiġu applikati b'sens ta' ġustizzja u b'mod li jagħmlu sens (ara f'dan ir-rigward is-sentenzi St George's Park Company Limited v Dr Hugh Peralta et deċiżi finalment fis-6 ta' Frar, 2016);*

36. *Fid-dawl ta' dan, huwa sottomess illi, mingħajr preġudizzju għall-gravami preċedenti, ir-Reġistratur kellu jintaxxa persentaġġ tad-dritt u mhux id-dritt sħiħ;*

*TALBA*

37. *Illi għaldaqstant, in vista tas-suespost u għar-raġunijiet premessi, ir-rikorrenti Maleth ai termini ta' l-Artikolu 64 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta titlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni neċessarja u opportuna:*

   i. *tħassar u tirrevoka t-taxxa tad-drittijiet annessa bħala Dok MA1 li ġiet maħduma mir-Reġistratur tal-Qorti nhar it-22 ta' Frar, 2018;*

   ii. *tordna li t-taxxa tad-drittijiet surriferita terġa' tinħadem mill-ġdid abbażi ta' kalkolu jew somma verjuri kif din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq;*

   iii. *tagħti dawk l-ordnijiet jew provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkustanzi.*

2. Rat illi fit-2 ta' Lulju 2018 il- konvenut Dr. Antoine Cremona f'ismu proprju u f'isem id-ditta ta' avukati Ganado Advocates irrisponda għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *Illi, preliminarjament, l-Avukat Antoine Cremona, il-Prokuratur Legali Madeleine Firman u d-ditta GANADO Advocates mhux il-leġittimu kuntradittur għal dawn il-proċeduri stante li rrinunzjaw għall-patroċinju tas-soċjeta' Sea Air d.o.o fit-3 ta' Frar 2017 (ara nota annessa ma' din ir-risposta "Dokument GA1") u kif altrimenti ġie rikonoxxut bla ebda oġġezzjoni mir-rikorrenti. In oltre, l-istess Avukat Antoine Cremona ma baqax il-mandatarju speċjali tas-soċjeta' Sea Air d.o.o. u dan wara li rappreżentant tas-soċjeta' in kwistjoni, is-sur Simon*

*Spitz, ġie Malta u assuma l-atti tal-proċeduri odjerni quddiem id-Deputat Reġistratur tal-Qrati Ċivili u dan fl-14 ta' Novembru 2016 (ara nota annessa ma' din ir-risposta "Dokument GA2"). Din l-assunzjont tal-atti qatt ma ġiet bl-ebda mod kontestata mir-rikorrenti fil-proċeduri numru 652/16LM u dan kif inhu evidenti mill-verbali tal-istess;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jaqblu mar-raġunijiet mogħtija mir-rikorrenti sabiex tintlaqa' r-ritassa;*

*Għaldaqstant, salv l-eċċezzjoni preliminari li l-esponenti mhumiex il-leġittimu kuntradittur għal dawn il-proċeduri speċjalment rigward spejjeż, l-esponenti ma jopponux għat-talbiet imressqin mir-rikorrenti.*

3. Rat illi fit-12 ta' Lulju 2018, ir-Direttur, Qrati Ċivili u Tribunali, laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiżi:

    1. *Illi din hija kawża ta' ritassa ai termini tal-Art 64 tal-Kap. 12 magħmula mis-soċjeta' rikorrenti li biha qed tattakka t-taxxa maħruġa wara l-kawża numru 652/16LM u l-eċċipjenti jissottometti illi t-talbiet attriċi odjerni huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu respinti inter alia minħabba s-segwenti raġunijiet:*

    2. *Illi fil-paragrafi 4 u 5 tar-Rikors promotur is-soċjeta' rikorrenti tagħti stampa ċara tat-talbiet attriċi fil-kawża Nru 652/16LM "SeaAir d.o.o. vs Maleth Aero AOC Limited" liema kawża kienet ġiet kanċellata fis-6 ta' Marzu 2017, ċioe li "Sea Air irreferiet għal episodju fejn, allegatament, 'il fuq minn elf (1000) passiġġier tħallew l-art ġewwa l- Ġermanja u ġewwa l-Kosovo", u kompliet biex semmiet "Sea Air ippretendiet kumpens għal danni hekk sofferti minnha".*

    3. *Illi fil-paragrafu 6 tal-istess rikors is-soċjeta' rikorrenti tirreferi għal kontro talba tas-soċjeta' Maleth Aero illi fiha talbet il-likwidazzjoni ta' danni in vista tan-non osservanza tal-obbligi kuntrattwali minn naħa ta' Sea Air.*

    4. *Illi r-Reġistratur ħadem it-taxxa skont il-liġi u bbaża l-istess taxxa minn valuri li jistgħu jiġu kkalkulati minn dak indikat fit-talba, u fil-kontro-talba. Illi għalhekk huwa ċar li ma kienx hemm bżonn li tintalab nota konġunta sabiex il-partijiet jaqblu fuq il-valur tat-talbiet rispettivi (kif indikat fil-para 11 tar-Rikors) peress li kif ġia ingħad il-valur jirriżulta mill-atti u dan kif ser jiġi spjegat aktar l-isfel;*

    5. *Illi hija l-mansjoni tar-Reġistratur li jasal għall-ammonti fuq xiex jintaxxa u għalhekk huwa ġust li jingħad (para. 12 tar-rikors*

*promotur) li kienet deċiżjoni unilaterali tar-Reġistratur għaliex ħadd ħlief din l-Onorabbli Qorti ma tista' tissindika l-għemil unilaterali tiegħu;*

6. *Illi fil-para. 14 tar-rikors tagħha s-soċjeta' rikorrenti ssemmi l-para 4 tat-Tariffa A annessa mal-Kap 12 u dak il-Para 4 jidħol in azzjoni kemm-il darba l-valur tat-talba ma jkunx ċert jew likwidu, u ma jistgħux jiġu ntaxxati d-drittijiet skont il-paragrafu 3. Illi l-paragrafu 3 jagħmilha ċara li "meta d-dritt tar-reġistru jkun jista' jiġi intaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jiġi stabbilit skont il-liġi jew mill-att innifsu, ikunu dovuti wkoll dawn id-drittijiet li ġejjin:" u jelenka r-rati tat-taxxa.*

7. *Illi hekk għamel ir-Reġistratur billi ħa l-valur mill-att innifsu u bbaża t-taxxa skont il- paragrafu 3 tat-Tariffa A annessa mal-Kap.12. Hemm skorta ta' ġurisprudenza li jsostnu dan li wara kollox huwa dak li tgħid il-Liġi. Tajjeb hawn japplika dak li qalet is-sentenza Gustavo Micallef et vs Eleonora Micallef et (Prim' Awla 21 ta' Lulju 1946) "illi meta mill-kumpless tal-kontestazzjoni jkun jidher x'inhu l-valur tal-pretensjoni tal-attur, allura t-tassazzjoni ssir fuq dak il-valur avolja d-domanda tkun għal somma li għandha tiġi likwidata".*

8. *L-istess jgħid il-paragrafu 14 tat-Tariffa E annessa mal-Kap 12 fejn jidħol dritt tal-avukati u l-prokuraturi legali.*

9. *Illi n-nota msemmija mis-soċjeta' rikorrenti tintalab biss jekk min imkien ma jirriżulta valur; allura r-Reġistratur jitlob mingħand il-partijiet li jippreżentaw nota konġuntiva bil-valur. Ma hemm ebda misteru għaliex ma ntalbitx in-nota. Huwa d-deputat Reġistratur li jara l-proċess u joħħroġ it-taxxa u meta ma jkunx jista' jasal għal valur, hija l-prassi li d-deputat Reġistratur jikkomunika mal-assistenti Reġistraturi biex jikkonfermaw jew le jekk tistax tinħadem it-taxxa u fil-każ li ma tkunx tista' tinħadem it-taxxa tintalab in-nota konġunta. Kieku kien mod ieħor, allura, qajla jinħarġu taxxi għaliex huwa rarissimu li l-partijiet jaqblu fuq il-valur tad-danni.*

10. *Illi fil-paragrafu 19 tar-rikors is-soċjeta' rikorrenti tibdel l-attitudini tagħha billi tgħid illi l-valur mhuwiex faċilment determinabbli mill-proċess. Dan ifisser li huwa determinabbli mill-proċess.*

11. *Illi t-taxxa ġiet maħduma fuq dak riferit fit-talba ta' Sea Air u ċioe li mill-inqas 1000 passiġġier tħalla l-art u li Sea Air qalet li ħallset kumpens u li ai termini tar-Regolament (EC) No 261/2004 dan huwa fil-minimu ta' €250 kull passiġġier li*

*għalhekk iġibu l-valur tat-talba għal EUR 250,000 li huwa l-valur li fuqu nħadmet it-taxxa. Illi r-Reġistratur ibbaża fuq dan l-ammont biss nonostante li kien biss wieħed "fost dawn id-danni sofferti" u għalhekk is-soċjeta' rikorrenti fir-rikors 652/16 ttenni li d-danni li bagħtiet kienu jikkonsistu f'danni reali u telf ta' negozju - dan l-aħħar dannu ma ġiex ikkalkulat mir-Reġistratur. Jekk forsi s-soċjetajiet iridu jillikwidaw dan id-dannu wkoll allura iva r-Reġistratur joħroġ taxxa addizzjonali skont kif provdut fil- paragrafu 4(3) tat-Tariffa A.*

12. *Illi fil-kontro-talba s-soċjeta' Maleth Aero talbet il-ħlas tal-operating fees li tagħhom ma tħallsitx kif ukoll tal-ispejjeż u danni riżultanti mill-inadempjenza u ksur tal-obbligi kuntrattwali.*

13. *Illi s-soċjeta' intimata f'dik il-kawża qed titlob ċar u tond fil-kontro-talba li tiġi mħallsa "dik is-somma li tirrappreżenta d-differenza bejn il-minimu ta' block hours li hija qablet li tutilizza u dawk li ġew effettivament utilizzati" u ċioe 2190 li kellhom jiġu utilizzati u l-ammont utilizzat ċioe 130.25. Dan iġib 2059.75 siegħa mhux utilizzata. Il-ftehim kien li għal kull siegħa jitħallas 3000 dollaru. Ara paragrafi 3, 4 u 5 tal-kontro-talba. Multiplikati flimkien jiġu USD6,179,250.*

14. *Illi l-operating fees huma kwantifikati fil-paragrafu 8 tal-kontro talba fis-sens li huma stabbiliti fis-somma ta' USD15000 fix-xahar għal 12-il xahar. Li għalhekk jammontaw għal USD180,000. Illi għalhekk dak mitlub jammonta għal USD6,179,250 + USD180,000 jigi USD6,359,250 konvertiti € 5,145,281.89.*

15. *Illi kuntrarju għal dak li qed tgħid is-soċjeta' rikorrenti, is-soċjetajiet fil-kawża l-oħra mhumiex jitolbu riżarċiment tal-qliegħ li huma kellhom jagħmlu mill-ftehim tagħhom imma qed jitolbu proprju dak li qed jgħid il-kuntratt u għalhekk kien faċilment li wieħed jasal għal dak li kien qed jintalab.*

16. *Illi rigward li l-kawża ġiet kanċellata u għalhekk it-taxxa kellha tiġi mnaqqsa, hemm ġurisprudenza li tgħid li d-digriet li jordna l-kanċellament jekwivali għal sentenza. "Il-kanċellament huwa deċiżjoni tal-Qorti li mhux biss tponi fini għall-kawża, imma tiddeċiedi wkoll il-kap tal-ispejjeż; u għalhekk ma tistax ma titqiesx bħala sentenza" (Avv. Dr Arturo Valenzia vs Avv Dr Luigi Pace noe, 15 ta' April 1950, Qorti tal-Appell Inferjuri). Illi t-tariffa hija preċiża wkoll u tapplika r-riduzzjoni tat-tariffa f'każ li kawża tigi transatta jew ċeduta. L-istess fuq imsemmija sentenza sostniet ukoll illi "il-kanċellament ma għandux*

*x'jaqsam la ma' ċessjoni tal-kawża u lanqas ma rinunzja għal-attijiet. U tabilħaqq il-kanċellament jiġi ordnat mill-Qorti motu proprio minħabba l-inattività tal-partijiet, filwaqt li ċ-ċessjoni u r-rinunzja huma atti tal- attur". Hekk hu l-każ odjern u għalhekk it-taxxa nħadmet fuq il-valur stabbilit fl-atti mingħajr ebda tnaqqis.*

*17. Għaldaqstant it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*18. Salvi, jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti.*

4. Rat illi fl-4 ta' Novembru 2019 s-soċjeta' rikorrenti intalbet li jinħatru kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lis-soċjeta' konvenuta Sea Air D.O.O. reġistrata ġewwa r-Repubblika tal-Kroazja.

5. Rat li fis-17 ta' Frar 2021, ġew appuntati Kuraturi Deputati Dr. Graziella Tanti u l-P.L. Hilda Ellul Mercer u l-Qorti tosserva li saru l-korrezzjonijiet opportuni (fol 194).

6. Rat illi fit-18 ta' Novembru 2021, il-Kuraturi Deputati għas-soċjeta' Sea Air D.o.o. irrispondew billi qalu illi ma humiex edotti mill-fatti.

**Provi:**

7. Rat li fis-6 ta' Mejju 2021, din il-Qorti ordnat l-atti tal-proċess 652/2016 jiġu allegati mal-proċeduri odjerni.

8. Rat illi fit-18 ta' Novembru 2021, is-soċjeta' rikorrenti ppreżentat nota b'kopja ta' proċeduri ta' ritrassa wara kawża 655/2016 fl-istess ismijiet eżatt, iżda inversi.

9. Rat illi fit-18 ta' Novembru 2021 ġiet eżebita ix-xhieda ta' Emanuel Sciriha tas-26 ta' Frar 2020 mogħtja fl-atti fil-kawża Rikors Numru 590/18.

10. Rat illi fit-18 ta' Novembru 2021 ir-rikorrenti ddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippreżentaw.

11. Rat l-affidavit ta' **Dr. Antoine Cremona** ippreżentat fit-2 ta' Marzu 2022 (fol 227).

12. Rat li fid-9 ta' Frar 2022, ingħalqu l-provi tal-partijiet.

13. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti Maleth Aero AOC Limited ippreżentata fis-27 ta'April, 2022 (fol 237).

14. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti l-Avukat Dr. Antoine Cremona f'ismu proprju u f'isem id-ditta Ganado Advocates u l-P.L. Madelaine Firman ippreżentata fit-2 ta' Mejju 2022 (fol 255).

15. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kuraturi Deputati Dr. Graziella Tanti u l-P.L. Hilda Ellul Mercer ippreżentata fit-23 ta' Ġunju 2022 (fol 259).

**Fatti tal-każ**

16. Jirriżulta li permezz ta' rikors datat 4 ta' Awissu 2016, is-soċjeta' Sea Air D.o.o. kienet intavolat proċeduri kontra Maleth Aero AOC Limited Rikors Numru 652/16 LM, fejn kien qed jintalab kumpens għal danni sofferti, wara żewġ episodji, fejn passiġġiera tħallew l-art fil-Ġermanja u fil-Kosovo.

17. Jirriżulta sussegwentement, li l-każ 652/16 LM ġie ikkanċellat mill-Qorti fis-6 ta' Marzu 2017.

18. Jirriżulta li fil-proċedura 652/16 LM, Dr. Antoine Cremona kien irrinunzja għall-patroċinju ta' Sea Air D.o.o. fit-3 ta' Frar 2017 (fol 57) u konsegwentement, ma baqax il-mandatarju speċjali tas-soċjeta' Sea Air D.o.o. u dan wara li Simon Spritz kien ġie Malta f'Novembru 2016 u kien assuma l-atti huwa stess (fol 58).

19. Jirriżulta li fil-każ 652/16 LM, is-soċjeta' rikorrenti odjerna Maleth kienet laqgħet b'numru ta' eċċezzjonijiet u ressqet ukoll kontro-talba, fejn kien ġie sostnut li Sea Air kissret l-obbligi kuntrattwali assunti minnha fl-Aircraft Charter agreement - il-proċess ġie anness.

20. Jirriżulta li, wara li l-kawża ġiet kanċellata kif fuq indikat fis-6 ta' Marzu 2017, fit-22 ta' Frar 2018 inħadmet it-taxxa mir-Reġistratur Dok MA1, u fit-8 ta' Mejju 2018 Maleth ġiet notifikata b'ittra legali fejn intalbet tħallas l-ammont ta' Ewro 47,163.20 lir-Reġistratur tal-Qorti bħala drittijiet lilu spettanti.

21. Jirriżulta illi dana wassal għall-proċeduri odjerni.

**Ikkunsidrat**

22. Din hija azzjoni taħt l-Artikolu 64 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex it-taxxa maħduma mir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali fil-każ 652/2016 "Sea Air D.o.o. vs Maleth Aero AOC" tinħadem mill-ġdid.

**Eċċezzjoni preliminari ta' Dr. Antoine Cremona f'ismu proprju u f'isem id-ditta ta' avukati Ganado Advocates – Leġittimu Kontradittur.**

23. Dr. Antoine Cremona f'ismu proprju u f'isem id-ditta ta' avukati Ganado Advocates eċċepixxa preliminarjament li mhuwiex il-leġittimu kontradittur,

peress illi sostna li kien irrinunzja għall-patriċonju ta' Sea Air D.o.o fit-3 ta' Frar 2017 kif jidher fid-dokument eżebit a fol 57 tal-proċess, meta, permezz ta' nota ta' Simon Spritz a fol 58 tal-proċess, l-istess Simon Spritz kien assuma l-atti u Dr. Antoine Cremona ma baqax mandatarju speċjali tas-soċjeta' Sea Air D.o.o.

24. Għalkemm dawn iż-żewġ riżultanzi jinsabu ippruvati permezz tad-dokumenti imsemmija, il-Qorti tosserva li minn eżami tar-rikors u tat-talbiet kif dedotti, din il-proċedura titratta biss il-kwistjoni ta' ritassa ta' taxxa maħruġa mir-Reġistratur tal-Qorti. Ebda interpretazzjoni u/jew ordni dwar min għandu jħallas għal dak mitlub qed jiġi mitlub fil-każ. Dana qiegħed jingħad għax, evidentement, din il-Qorti m'għandhiex għalfejn tidħol fil-mertu tal-vertenza li kienet teżisti bejn il-partijiet fil-każ 652/2016. Għaldaqstant, m'hemmx lok li wieħed jistħarreġ jew jeżamina l-obbligazzjonijiet tal-partijiet f'dak il-każ, u tant anqas l-enforzar ta' tali obbligazzjonijiet.

25. Konsegwentement, m'hemmx lok li din il-Qorti tiddikjara li Dr. Antoine Cremona f'ismu proprju u f'isem is-soċjeta' Ganado Advocates mhuwiex il-leġittimu kontradittur.

26. Fid-dawl ta' dan, din il-Qorti ser tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eċċezzjoni preliminari.

**Prinċipji Legali**

27. Il-Qorti tibda billi tosserva illi l-intaxxar tar-Reġistru tal-Qorti u tad-drittijiet tal-Avukati u tal-Prokuraturi Legali mhuwiex att tal-Qorti iżda huwa att amministrattiv imwettaq mir-Reġistratur ta' l-istess Qorti.[1]

28. L-għan wara d-disposizzjonijiet tal-artikolu 64 tal-Kap 12 huwa li jirregola waħda mill-funzjonijiet ewlenin tar-Reġistratur tal-Qorti, ossija li jitħarsu il-jeddijiet ta' min intlaqat ħażin b'dawk il-funzjonijiet.[2]

29. Huwa prinċipju assodat, li meta ikun hemm xi tilwima dwar intaxxar magħmula mir-Reġistratur tal-Qorti, l-azzjoni għar-ritassa trid issir quddiem il-Qorti.[3]

30. Għalhekk, f'każ li xi parti turi lill-Qorti li hemm raġunijiet validi biex twarrab it-taxxa ġudizzjarja maħruġa mir-Reġistratur, il-Qorti għandha s-

---

[1] Ara f'dan is-sens Giovanna Galea vs Concetta Galea deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Jannar, 1920, Lewis Borg vs Avv Dr. Giuseppe vs Salomone deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-23 ta' Frar 1960 u Avukat Dottor Carmelo Galea vs Silvio Zammit et deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Lulju 2009).

[2] (Ara Speranza Gatt et vs Avukat Dottor Albert Libreri et deċiża mill-Prim' Awla Qorti Civili fit-18 ta' Frar 2010; S.C. Holdings Limited vs Reġistratur tal-Qorti Ċivili u Tribunali et deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fis-16 ta' Settembru 2022).

[3] Ara Avukat Dr. Spiridione Camilleri et vs Avukat Dr. Edgar Buhagiar noe et deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-21 ta' Novembru 1961, u Emanuel Buttigieg noe et vs Anthony Cauchi pro et noe deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-29 ta' Lulju 2004.

setgħa biss li tordna lill-istess Reġistratur biex jaħdem u joħroġ dik it-taxxa mill-ġdid.

31. Kif ribadit mill-Qorti tal-Appell fil-każ **Avukat Dottor Anthony Cutajar et vs Direttur Qrati Ċivili u Tribunali et** deċiża fit-2 ta' Marzu 2018,

> *"F'azzjoni simili, il-Qrati tagħna għandhom jillimitaw ruħhom li jeżaminaw il-kriterji adoperati mir-Reġistratur tal-Qorti sabiex tiddetermina jekk dawn humiex skont il-liġi. Il-Qorti trid tagħmel eżami dwar jekk id-direttur intimat użax id-diskrezzjoni tiegħu b'mod raġonevoli u skont il-Liġi. Il-Qorti f'tali ċirkostanzi, f'tali azzjoni tista' se mai biss tordna lid-Direttur intimat appellat li jaħdem it-taxxa uffiċjali mill-ġdid, wara li jieħu kont tal-provvedimenti ritenut relevanti fil-liġi."*

32. Il-Qorti hawnhekk tosserva illi sabiex taxxa tista' tiġi imwaqqa' b'suċċess, hemm bżonn li jinġiebu raġunijiet validi u konvinċenti, u dan il-piż tal-prova jaqa' fuq min qiegħed jallega li it-taxxa nħadmet ħażin.[4]

**Fattispeċje tal-każ in eżami**

33. L-ilment tas-soċjeta' rikorrenti f'dan il-każ huwa ippernjat fuq tlett gravami.

    a. L-**ewwel gravami** huwa konsistenti fil-fatt li r-Reġistratur ma kellux jgħaddi biex jikkalkula unilateralment l-valur ta' danni *da liquidarsi*. Is-soċjeta' rikorrenti qed tikkontendi, li meta ma tkunx ingħatat deċiżjoni u l-valur ma jkunx ġie determinat mill-Qorti, l-attur jeħtieġ jiddikjara l-valur tat-talba, jew ir-Reġistratur għandu jitlob nota lill-partijiet li biha jaqblu fuq il-valur.

    b. It-**tieni gravami**, huwa li l-kalkolu kif inħadmet it-taxxa huwa żbaljat fil-mertu stante li anke jekk ir-Reġistratur kellu d-diskrezzjoni li jasal għall-valur tal-każ huwa stess, dan kien żbaljat u esaġerat. L-istess argument, inġieb dwar il-kontro-talba fil-każ 652/2016 LM. Ġie sostnut mis-soċjeta' rikorrenti li sabiex wieħed jasal għall-kalkolu ta' danni, riedu jitqiesu diversi fatturi, li ma setgħux jiġu ikkunsidra fl-istadju bikri tal-każ stante li l-każ 652/2016 LM ġie ikkanċellat.

    c. It-**tielet gravami** imressaq mis-soċjeta' rikorrenti, jittratta l-fatt, li t-taxxa għandha titnaqqas peress li l-każ 652/2016 LM ġie ikkanċellat.

34. Kif ġia osservat aktar il-fuq, il-ka 652/2016 LM ġie istitwit fl- 4 ta' Awwissu 2016 u laħqu saru sitt seduti b'kollox qabel ma' ġiet ikkanċellata minn fuq il-lista tal-kawżi fis-6 ta' Marzu 2017. F'dik id-data, jidher li l-każ kien

[4] Ara Isabelle Micallef vs Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2019.

għadu fi stadju ta' eċċezzjoni ta' natura strettament proċedurali, u ma kienx hemm provi fil-mertu.

35. Jirriżulta minn Dok MA1 eżebit mar-rikors promotur f'dan il-każ fol 12, li t-taxxa ġiet maħduma fit-22 ta' Frar 2018 u fit-8 ta' Mejju 2018 is-soċjeta' Maleth Aero AOC Limited intalbet tħallas l-ammont ta' €47,163.20 billi ġiet notifikata b'ittra uffiċjali. Inoltre`, jirriżulta, illi tali somma intalbet b'referenza għall-kontro-talba ippreżentata f'dak il-każ mis-soċjeta' rikorrenti.

36. Referibbilment għall-**<u>ewwel gravami</u>** tas-soċjeta' rikorrenti, jiġi puntwalizzat, li l-artikolu (1) Ta' Skeda A Tariffa A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, tgħid:

> *4(1) "Meta l-valur tat-talba ma ikunx ċert, likwidu u ma jistgħux jiġu intaxxati d-drittijiet skont il-paragrafu 3 (ċioe id-dritt tar-Reġistru ma jkunx jista' jiġi intaxxat fuq valur stabbilit jew fuq valur li jista' jiġi stabbilit skont il-liġijiet mill-att innifsu) il-valur jiġi intaxxat skont ir-regoli li ġejjin:*
>
> *(f) "F'kawżi fejn it-talba tkun biex il-Qorti tiddikjara li l-attur ikollu xi dritt kontra xi persuna oħra, liema dritt wieħed għandu raġonevolment jassumi li jiġi segwit minn likwidazzjoni tal-ammont dovut, ukoll jekk dik il-likwidazzjoni ma tkunx ġiet mitluba fit-talba, l-attur għandu* ***<u>flimkien mat-talba tiegħu</u>****, jissottometti dikjarazzjoni maħlufa li turi l-ammont li bejn wieħed u ieħor jaħseb li jkun jista' jitlob jekk jiġi stabbilit id-dritt tiegħu u l-valur li għandu jiġi intaxxat ikun il-valur dikjarat mill-attur."*

37. Għalhekk, abbażi ta' tali provvediment, qed jiġi sottomess mis-soċjeta' rikorrenti li, fl-assenza ta' sentenza tal-Qorti li tillikwida d-danni, jew nota tal-partijiet li jaqblu fuq il-valur, ir-Reġistratur ma kellux jgħaddi biex jikkalkula l-valuri tad-danni *da liquidarsi*.

38. Minn naħa l-oħra, ir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, fir-risposta, sostna li n-nota tal-partijiet imsemmija mis-soċjeta' rikorrenti tintalab biss jekk minn imkien mill-atti tal-każ ma jirriżulta l-valur. Fir-risposta kompla jiġi sostnut, li fil-każ in eżami, ir-Reġistratur ha l-valur mill-att innifsu w ibbaża t-taxxa skont il-paragrafu 3 tat-Tariffa A annessa mal-Kap 12. B'referenza, għal dan ir-Reġistratur fir-risposta tiegħu, irrefera għall- każ **Gustavo Micallef et vs Eleonora Micallef et** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-21 ta' Lulju 1946 fejn ingħad:

> *"Illi meta l-kumpless tal-kontestazzjoni jkun jidher x'inhu l-valur tal-pretensjoni tal-attur, allura t-tassazzjoni ssir fuq dak il-valur avolja d-domanda tkun għal somma li għandha tiġi likwidata."*

39. Il-Qorti tqis illi hawnhekk huwa opportun illi ssir referenza għall-kawża **Francis u Rita konjuġi Saliba vs Reġistratur tal-Qrati ta' Għawdex et** deċiża fil-15 ta' April 2009 mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, fejn intqal dan li ġej:

> *"Jidher li l-fatt li ma tkunx ingħatat sentenza fuq id-dikjarazzjoni ma jbiddel xejn. Il-kelma 'dikjarazzjoni' qiegħda tirreferi għat-talba li tkun saret fir-rikors ġuramentat jew talba rikonvenzjonali. Jidher li t-tassazzjoni tiġi regolata mit-talba. Il-fatt li skont dan il-paragrafu l-valur jista' ikun determinabbli mill-proċess, tirrifletti dak li qabel kienet tipprovdi għaliha il-ġurisprudenza fis-sens "......meta mill-massa litiġjuża jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-taxxa għandha tiġi fuqu regolata, ċioe` għandu jiġi studjat u eżaminat x'ikun l-oġġett tagħha. Minn dan jitnissel li l-eżami li għandu jirraġira ruħu dwar il-kumpless ta' dak li jkun in kontestazzjoni, jew tal-quod disputatume est, li jista' jiġi raġonevolment indott jew determinat minn dak li ikun jirriżulta waqt id-dibattitu u l-istess trattazzjoni tal-proċess". (***Carmelo Axiaq vs Avukat Dr. Giuseppe Vella et** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fid-9 ta' Frar 1951 – Vol XXXV. ii.361). (Ara wkoll sentenza fl-ismijiet **John Falzon nomine vs Dottor Giuseppe Vella et** deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-28 ta' Frar 1946).*

40. Relevanti huwa wkoll il-każ **Lawrence Manche` vs l-Avukat Dottor Godfrey Gauci Maestre et** deċiża fl-20 ta' Marzu 1989, fejn ġie ikkonfermat mill-Qorti li l-valur jista' jiġi stabbilit mill-massa litiġjuża u bbażat il-quantum fuq l-ammont tad-danni li ppretenda l-attur fil-mandat ta' sekwestru pendenti l-kawża.

41. Il-Qorti, għalhekk, tosserva illi jidher li joħroġ ċar mill-ġurisprudenza, li fil-kamp ta' tassazzjoni, hemm s-segwenti żewġ prinċipji illi għandhom jiġu adoperati f'każ bħal dak odjern:

   a. li t-tassazzjoni ta' drittijiet ġudizzjali għandha tiġi regolata mid-domanda.
   b. li xi drabi jista' jiġi kwalifikat mill-massima l-oħra li tgħid illi meta l-massa litiġjuża jkun jidher x'kien il-valur ta' kontestazzjoni t-tassazzjoni għandha tiġi regolata fuq dan.[5].

42. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, il-Qorti tirrileva li jidher li d-deċiżjoni meħuda mir-Reġistratur fejn ha l-valur tal-proċeduri mill-atti innifishom tal-każ u mhux minn xi dikjarazzjoni tal-partijiet, huwa prassi

---

[5] (Ara Emmanuele Barbara vs Michelina Farrugia Appell Ċivili deċiż fl-10 ta' Ottubru 1958. Ara f'dan is-sens ukoll L-avukat Leslie Grech nomine vs Frank Abela et deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fil-25 ta' Jannar 2002)

konformi ma' dak enunċjat fil-ġurisprudenza, u ma jmurx kontra t-tariffi tal-liġi fil-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

43. Il-Qorti ma tistax ma tosservax wkoll illi hija tqis bħala abbusiva il-prassi adoperata da' parte ta' min jintavola l-proċeduri quddiem Qorti illi, għalkemm għandu indikat li jrid jagħti indikazzjoni ta' valur meta valur ma huwiex stabbilit fir-rikors promotur, huma jonqsu milli jagħmlu dan – huwa ċar daqs il-kristall illi tali prassi żbaljata u abbusiva hija intiża UNIKAMENT sabiex, meta jippreżentaw ir-rikors promotur, ir-rikorrenti jħallsu dritt ferm anqas minn dak attwalment spettanti lill-Qorti għas-servizz lilu mogħti, bit-tama illi, eventwalment, meta tiġi deċiża l-kawża, finalment l-ispejjeż kbar tar-reġistru jitħallsu direttament mill-parti l-oħra kontra min ir-rikorrent ikun fetaħ il-proċeduri u b'hekk ir-rikorrent jeħles milli jħallas l-ispejjeż hu fil-bidu – tali prassi hija skorretta, żbaljata u żleati għall-aħħar lejn il-Qrati w ir-Reġistratur tal-Qorti, w din il-Qorti m'hi bl-ebda mod ser tippremja billi taċċetta l-argument tar-rikorrenti fil-kawża odjerna.

44. Għaldaqstant, l-ewwel gravami tas-soċjeta' rikorrenti mhux ser jiġi akkolt.

45. B'referenza għat-**<u>tieni gravami</u>**, li l-kalkolu huwa żbaljat fil-mertu, ir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sostna fir-risposta tiegħu, li huwa mexa fuq dak indikat fir-rikors tal-każ 652/2016 LM u fuq dak hemm referit rigward l-ilment f'dak ir-rikors li l-passiġġieri tħallew l-art u s-somom hemm mitluba.

46. Il-Qorti hawnhekk tosserva illi, b'referenza għall-kontro-talba, jidher illi r-Reġistratur għamel il-kalkolu fuq dak hemmhekk indikat, u ċioe`, il-block hours li kellhom jiġu utilizzati u dak effettivament utilizzati, u nħadmet it-taxxa fuq l-ammont ta' €5,145,281.89, kif kwantifikata bis-somom li jidhru fil-kontro-talba.

47. Għalhekk, dak sostnut mis-soċjeta' rikorrenti, li l-kalkolu fil-mertu huwa żbaljat, tramite it-tieni gravami ma jreġġix.

48. Permezz tat-**<u>tielet gravami</u>**, is-soċjeta' rikorrent qed tikkontendi li t-taxxa ma ġietx ridotta sabiex tirrifletti l-fatt li l-każ 652/2016 LM ma kienx deċiż iżda kanċellat fi stadju bikri tal-kawża.

49. Jirriżulta illi s-soċjeta' rikorrenti issottomettiet li f'każ li ma jkunx hemm deċiżjoni tal-Qorti, id-drittijiet tar-Reġistru u tal-Avukati għandhom jitnaqqsu jew bin-nofs jew b'terz, skont il-każ.

50. Ir-Reġistratur, da parte tiegħu, jisħaq illi ladarba kawża ġiet kanċellata, dik għandha titqies bħala li ġiet deċiża mill-Qorti, u għalhekk ebda tnaqqis ma għandu jkun ikkontemplat.

51. Il-Qorti hawnnhekk tibda billi tosserva, li t-Tariffi tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta ma jipprovdux għall-kanċellament *per se*, kif ammess fis-sottomissjonijiet ta' l-istess soċjeta' rikorrenti.

52. Fil-fatt, it-Tariffa relevanti l-Artikolu 5 ta' Tariffa A tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta tistipula:

> *"(1) F'każijiet ta' tranzazzjoni jew ta' ċessjoni ta' kawża f'Qorti ta' Prim' Istanza:*
>
> *Wara kontestazzjoni tat-talba iżda qabel l-ewwel smigħ tal-kawża, id-drittijiet kollha imħallsa skont il-paragrafu 3 jew 4 jiġu imnaqqsa bi …75%*
>
> *Wara l-ewwel smigħ tal-kawża iżda mhux aktar tard mit-tielet seduta, id-drittijiet kollha intaxxati skont il-paragrafu 3 jew 4 jiġu imnaqqsa bi….50%*
>
> *Wara t-tielet smigħ tal-kawża, iżda qabel ma l-kawża titħalla għas-sentenza, id-drittijiet kollha imħallsa skont il-paragrafi 3 u 4 jiġu imnaqqsa bi ….25%*
>
> *(2) F'każ ta' tranzazzjoni jew ta' ċessjoni ta' kawża f'Qorti tal-Appell, it-tnaqqis stabbilit fil-paragrafu jiġi wkoll applikat, iżda limitat għal dawk id-drittijiet imħallsa biss li għandhom x'jaqsmu mal-proċedura fl-appell.*
>
> *(3) Id-drittijiet imsemmija fil-paragrafi 1 sa 3 ta' din it-Tariffa għandhom jiġu intaxxati wkoll mal-preżentata ta' rikors lill-Qorti biex wieħed jippreżenta nota tal-eċċezzjonijiet, tweġiba jew att ieħor tal-proċedura ppreżentat bħala risposta għal talba u maħsub biex jikkontesta, kemm totalment jew parzjalment, talba magħmula f'Qorti ta' Prim' Istanza jew f'Qorti tal-Appell, iżda f'każ ta' sentenza ta' ħelsien mill-osservanza d-drittijiet kollha intaxxati skont il-paragrafi 2 sa 4 għandhom jiġu imnaqqsa bi……50%."*

53. Kif jidher ammess mir-Reġistratur stess, ma jidhirx li b'xi mod saret xi riduzzjoni, u dana peress li kkunsidra kawża kanċellata l-istess bħal kawża deċiża.

54. Il-Qorti tosserva wkoll illi fl-Artikolu 5 ta' Tariffa A, tissemma biss "Tranzazzjoni jew Ċessjoni". Għalhekk, huwa minnu li mhuwiex imsemmi l-kanċellament.

55. Il-Qorti tqis madanakollu illi, minkejja illi huwa minnu li l-Liġi ma tikkontemplax il-possibbilta' ta' riduzzjoni f'każ li kawża tiġi kanċellata, ma huwiex la ġust u lanqas riflessjoni tas-"servizz" mogħti mill-Qorti, illi jiġi mqies li kanċellament, fi stadju bikri, ossija wara sitt seduta bħal fil-każ 652/2016, għandu jekwivali għal deċiżjoni u kwindi ma jibbenefika minn ebda tnaqqis.

56. Dana qiegħed jingħad, peress illi huwa ċar li r-raġuni illi twassal għal tnaqqis fid-drittijiet dovuti hija naxxenti mill-fatt illi deċiżjoni mill-Qorti ma tingħatax – jiġifieri sentenza ma tkunx inkitbet - liema deċiżjoni tkun riżultat ta' kunsidrazzjonijiet u konstatazzjonijiet tal-Qorti u li, ġeneralment, jieħdu l-ħin u jiġu redatti fl-iskritt, liema proċess, minnu nniffsu jieħu l-ħin u għalhekk irid isir il-ħlas għal tali ħin. Il-fatt illi kawża ġiet ikkanċellata minn Qorti permezz ta' deċiżjoni sommarja meħuda waqt is-seduta ċertament ma tistax titqies bħala deċiżjoni, kif fuq deskritta, peress illi ebda deċiżjoni kkunsidrata ma ttieħdet u ebda konsiderazzjonijiet ma saru mill-Qorti – kull ma sar huwa li, fin-nuqqas ta' aġir ta' parti, fil-każ odjern, li ma deher ħadd għas-soċjeta' Sea Air D.o.o. il-Qorti pproċediet billi kkanċellat il-kawża minn fuq il-listi tagħha. Tali azzjoni, ċertament ma tistax titqies bħala deċiżjoni, għalkemm jaf illi jkollha effetti finali fuq it-talba tal-parti li jkun talab deċiżjoni, iżda hija att amministrattiv biss. In vista ta' dan, il-Qorti tqis illi jkun ġust u meritevoli li tingħata l-istess benefiċċji bħala kieku kawża ġiet tranzatta jew ċeduta.

57. Ikkunsidrat dan, il-Qorti tirrileva illi fil-kawża li tagħha t-taxxa qiegħda tiġi tranzatta, kienu ġia saru sitt seduti, u għalhekk kwalsiasi riduzzjoni ma għandhiex tkun ta' aktar minn 25%.

58. Għaldaqstant, in vista tas-suespost, din il-Qorti ser tilqa' t-talba tas-soċjeta' rikorrenti, tħassar u tirrevoka t-taxxa tad-drittijiet elenkati f'Dok MA1 a fol 12 tal-proċess, u tordna li t-taxxa tad-drittijiet terġa' tinħadem mill-ġdid, billi għandha ssir riduzzjoni ta' ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) fuq id-drittijiet tar-Reġistru u tal-avukati.

**Konklużjoni**

Il-Qorti,

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali kollha ppreżentati quddiemha;

Tgħaddi biex taqta' u tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

Tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' Dr. Antoine Cremona f'ismu propju u f'isem id-ditta ta' avukati Ganado Advocates dwar il-leġittimu kontradittur, għall-motivi spjegati.

**Tilqa'** mill-ħames sal-ħmistax-il eċċezzjoni ta' l-intimat Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali, għar-raġunijiet spjegati.

**Tiċħad** ir-rimanenti eċċezzjonijiet tal-intimat Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali għar-raġunijiet spjegati.

**Tilqa'** t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti kif ġej:

**Tilqa'** l-ewwel talba billi tħassar u tirrevoka t-taxxa tad-drittijiet annessa bħala Dok MA1 li ġiet maħduma mir-Reġistratur tal-Qorti nhar it-22 ta' Frar 2018.

**Tilqa'** t-tieni talba u tordna li t-taxxa terġa' tinħadem mill-ġdid fejn, filwaqt illi jinżamm il-valur oriġinalment stabbilit, tiġi kkunsidrata riduzzjoni ta' ħamsa u għoxrin fil-mija kif pprovduta mill-Liġi.

**L-ispejjeż** għall-proċedura odjerna għandhom ikunu a kariku tar-Reġistratur tal-Qorti Ċivili u Tribunali.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
Imħallef

**Rita Sciberras**
Deputat Reġistratur